# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/747/PESK

## tat-2 ta' Diċembru 2010

## li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/955/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1] (EUPOL COPPS) għal perijodu ta' tliet snin. Il-fażi operattiva tal-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006. L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK ġiet estiża bl-Azzjoni Konġunta 2008/958/PESK [2] sal-31 ta' Diċembru 2010.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/955/PESK [3] pprevediet għal ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010. Dan l-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jiżdied biex ikopri l-ħtiġijiet operattivi tal-Missjoni.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK u d-Deċiżjoni 2009/955/PESK għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 14 tal-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:.

"*Artikolu 14*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUPOL COPPS għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010 għandu jkun ta' EUR 6 870 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi ġestita f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Iċ-ċittadini ta' Stati terzi li jipparteċipaw finanzjarjament fil-missjoni, ta' partijiet ospitanti u, jekk meħtieġ għall-ħtiġijiet operattivi tal-missjoni, ta' pajjiżi ġirien għandhom ikunu jistgħu jagħmlu offerti għall-kuntratti.

3. Il-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija għandu jirraporta bis-sħiħ lill-Kummissjoni, u jiġi sorveljat minnha dwar l-attivitajiet imwettqa fil-qafas tal-kuntratt tiegħu.

4. L-arranġamenti finanzjarji għandhom jirrispettaw il-ħtiġijiet operattivi tal-EUPOL COPPS, inklużi l-kompatibbiltà tat-tagħmir u l-interoperabbiltà tal-iskwadri tagħha.

5. In-nefqa għandha tkun eliġibbli sa mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-Azzjoni Konġunta."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/955/PESK huwa b'dan imħassar.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-2 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. WATHELET

(1) ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.
(2) ĠU L 338, 17.12.2008, p. 75.
(3) ĠU L 330, 16.12.2009, p. 76.